# QLUB IMKEBBSA, SAQAJN MEXJIN

*Addattata minn Claudia Cini.*

Wara li Ġesù qam mill-imwiet, deher lil ħafna mid-dixxipli tiegħu. Huwa ltaqa' ma' tnejn mid-dixxipli fi triq 'il barra minn Ġerusalemm. Huma kienu mexjin lejn raħal jismu Għemmaws, filwaqt li jitkellmu dwar dak kollu li kien ġara, meta Ġesù resaq u beda jimxi magħhom.




Fin-niket tagħhom, id-dixxipli ma għarfux li kien Ġesù li resaq lejhom. Kienu jiem diffiċli ħafna għad-dixxipli ta' Ġesù. Huma kienu raw u semgħu dwar il-mewt ta' Sidhom u issa kienu lkoll waħedhom mingħajr ħadd li jħobbhom u jmexxihom bħalma kien jagħmel magħhom Ġesù.



Imbagħad, waqt li baqgħu mexjin, Ġesù interpreta ħafna affarijiet li l-profeti, fosthom Mosè, kienu qalu dwaru fl-Iskrittura. Fl-aħħar, waslu fir-raħal ta' Għemmaws, u Ġesù kompla miexi 'l quddiem. Imma ż-żewġ dixxipli sejħulu lura.




Għalhekk Ġesù ġie lura biex joqgħod magħhom. Huma poġġew bilqiegħda għall-ikel, u Ġesù ħa l-ħobż, bierku u qassmu, u tah lid-dixxipli. F'dak il-mument, għajnejhom infetħu, u għarfu lil Ġesù għall-ewwel darba. Imbagħad telaq minn quddiemhom.





Ix-xahar t'Ottubru huwa x-Xahar tal-Missjoni u għalhekk f'dan ix-xahar jiġi ċċelebrat 'Il-Jum Missjunarju' li din is-sena jaħbat fit-22 t'Ottubru. Minħabba l-importanza ta' dan il-jum, il-Papa jibgħat messaġġ lid-dinja kollha, fuq kollox lill-Insara. Din is-sena Papa Franġisku għażel bħala suġġett: ***"Qlub Imkebbsa, Saqajn Mexjin"***, mill-Vanġelu ta' San Luqa Kapitlu 24, Versi 13-35, li jitkellem dwar id-dixxipli ta' Għemmaus, li għadna kemm qrajna dwarhom hawn fuq.

# Qlub Imkebbsa

# SAQAJN MEXJIN

**(Lq. 24:13-35)**



**QLUB IMKEBBSA** - Importanti li l-qlub tagħna jkunu mkebbsa, jiġifieri mħeġġa. Irridu noqogħdu attenti biex ma nħallux li l-qalb tagħna ssir iebsa u indifferenti quddiem il-bżonnijiet ta' tant li jinsabu fil-bżonn. Ix-xahar t'Ottubru jiġi biex, jekk forsi tgħażżinna xi ftit u qalbna birdet, nerġgħu nitħeġġu, nagħtuha l-ħajja u l-ħeġġa meta naraw u naqraw fuq il-mezzi soċjali l-bżonnijiet ta' tant tfal bħalkom fil-pajjiżi tal-missjoni. Għalhekk, nitolbu lil Ġesù biex iħeġġeġ lil qlubna ħalli ngħinu milli nistgħu lit-tfal tal-missjoni.



**SAQAJN MEXJIN** – Importanti li ma nibqgħux fejn aħna, jiġifieri nimxu u ngħinu lil dawn il-pajjiżi tal-missjoni. Nimxu billi nfittxu oħrajn biex jgħinu lill-missjoni. Nimxu biex forsi xi darba aħna stess immorru l-missjoni. Għalhekk, nitolbu lil Ġesù biex imexxi lil saqajna ħalli ngħinu kif nistgħu lit-tfal tal-missjoni.